MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 42/2007/1

**Laura u Vincent konjugi Depasquale (K.I. 0132921 u 318120M); Mary Josephine u l-Avukat Leslie konjugi Grech (K.I. 655342M u 103265M) u l-istess Avukat Leslie Grech bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-imsiefrin Dottor John Xuereb u Dotor George Xuereb; Charles u Rossette konjugi Cassar (K.I. 1018049M u 493846M), u l-istess Charles Cassar bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-imsiefer Dr. Joseph Cassar; Giorgia u Joe konjugi Tabone (K.I. 755434M u 57430M); Adrian u Hazel konjugi Wirth (K.I. 0014101L u 023400L); Gerard Wirth numru tal-Income Tax 885229530; Anne u Peter konjugi Gatt (K.I. 686755M u 287153M) u l-istess Anna Gatt bhala prokuratrici specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-imsiefrin Karl Xuereb bin Charles; Marina u Dr. Donald konjugi Felice (K.I. 127454M u 596749M) Professur Peter bin George u Angela konjugi Xuereb (K.I. 783554M u 44853M)**

**vs**

**Carmela Medati (K.I. 469326M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur:

Illi l-esponenti jikru lill-intimata l-fond numru erbgha u tletin (34) Manuel Dimech Street, Sliema versu l-kera ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm185) fis-sena pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem tad-9 ta' Frar, 9 ta' Mejju, 9 t'Awissu w 9 ta' Novembru ta' kull sena.

Illi l-intimata kisret il-kundizzjonijiet tal-kera billi minkejja li giet debitament interpellata mill-esponenti, ma hallsotx punwalment il-kera ghall-iskadenzi tad-9 ta' Frar, 2006, 9 ta' Mejju, 2006, 9 ta' Awissu 2006, 9 ta' Novembru 206 u 9 ta' Frar 2007, u fil-fatt l-intimata hallset il-kera ghall-ewwel erba' (4) fuq imsemmija skadenzi wara hmistax (15)-il gurnata mit-talba ghall-hlas ta' l-esponenti, fir-rigward ta' l-iskadenza tad-9 ta' Frar 2007 l-intimata hallset biss parti mill-kera dovut minnha wara hmistax (15)-il gurnata mit-talba ghall-hlas tal-esponenti;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzahom jiehdu lura l-pussess tal-fond de quo u ghall-fini ta' l-izgumbrament jipppreﬁggi terminu qasir u perentorju. Bl-ispejjes kontra l-intimata u b'riserva ta' kull azzjoni gudizzjarja spettanti lill-esponenti kontra l-intimata ghall-pagament ta' l-arretrati tal-kera dovuti lill-esponenti u ghad-danni sal-gurnata ta' l-izgumbrament effettiv;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi wara li r-rikors promutur kien notifikat lill-intimata din inghatat diversi differimenti sabiex tkun tista' tintavola risposta kif ukoll sabiex tkun tista' tkun ammessa ghall-beneficcju tal-avukat tal-ghajnuna legali. Minkejja dawn l-oppportunitajiet kollha hija baqghet ma resqet ebda kontestazzjoni u ghalhekk il-Bord ser jghaddi biex jezamina l-provi mressqa mir-rikorrenti;

Illi wiehed mir-rikorrenti, l-avukat Leslie Grech, ipprezenta affidavit fejn iddikjara li bhala amministratur tal-beni ta' martu u l-familja taghha huwa kien interpela lill-intimata sabiex thallas l-iskadenzi tal-kera tal-fond lilha mikri wara li bdiet tkun moruza fil-hlas tal-istess kera. Huwa esebixxa ittra interpellatorja tal-24 ta' Jannar 2005 ghall-iskadenza ta' Dicembru 2004 b'kopja ta' registrazzjoni tal-posta; ittra tal-14 ta' Settembru 2006 dwar l-iskadenza Frar 2006; ittra tal-24 ta' Jannar 2007 dwar l-iskadenza ta' Novembru 2006; ittra tad-9 ta' Frar 2007 dwar l-iskadenza ta' Frar 2007 u ittra tal-legali tal-intimata li permezz taghha talbet zmien sabiex thallas l-arretrati, liema ittra ghalhekk turi li l-intimata kienet debitament irceviet l-interpellanzi tar-rikorrenti;

Illi l-istess rikorrenti kkonferma bil-gurament tieghu ta' Jannar 2009 illi huwa ma kien ircieva ebda hlas ghall-kera dovut mill-intimata.

Illi ghalhekk r-rikorrenti pruvaw b'mod sufficjenti r-rekwiziti kif ravvizati fl-arikolu 9(a) (i) tal-Kap 69 u dan il-Bord ghalhekk qed jilqa' t-talba taghhom u qed jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond 34, Manuel Dimech Street, Sliema minghand l-intimata fi zmien tletin (30) jum mil-lum u jordna lill-intimata tillibera l-fond u thallih vakanti ghar-ripresa tieghu mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------